

L-Erbgħa 11 ta' Mejju 2011

LISTA TA' ANNESSI

ANNESS I	Kondizzjonijiet għall-approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE
ANNESS II	Rekwiżiti tekniċi
ANNESS III	Marki
ANNESS IV	Mudell ta' ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE
ANNESS V	Kondizzjonijiet għall-approvazzjoni tat-tip KE
ANNESS VI	Mudell: Anness għaċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip KE għal tip ta' trattur fir-rigward tas-saħħa tal-istrutturi ta' protezzjoni u s-saħħa tat-twaħħil tagħhom mat-trattur
ANNESS VII	Parti A: Direttiva mħassra flimkien ma' lista tal-emendi suċċessivi tagħha Parti B: Lista tal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni
ANNESS VIII	Tabella ta' Korrelazzjoni

Dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat *

P7_TA(2011)0216

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Mejju 2011 dwar il-proposta emendata għal direttiva tal-Kunsill dwar l-istruttura u r-rati tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat (COM(2010)0641 – C7-0403/2010 – 2007/0206(CNS))

(2012/C 377 E/43)

(Proċedura leġislattiva speċjali – konsultazzjoni – kodifikazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0587) u l-proposta emendata (COM(2010)0641),
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tad-19 ta' Frar 2008 ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu l-Parlament għe kkonsultat mill-Kunsill (C7-0403/2010),
- wara li kkunsidra l-Ftehma Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 – metodu ta' ħidma aċċellerat għall-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġislattivi ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 86 u 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0100/2011),

⁽¹⁾ ĠU C 184E, 6.8.2009, p. 119.

⁽²⁾ ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.

L-Erbgħa 11 ta' Mejju 2011

- A. billi, skont il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-servizzi legali tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, il-proposta inkwestjoni fiha sempliċi kodifikazzjoni tat-testi eżistenti mingħajr ebda bidla fis-sustanza tagħhom,
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif adattata għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-servizzi legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

Denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni *

P7_TA(2011)0217

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Mejju 2011 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (test kodifikat) (COM(2010)0691 – C7-0034/2011 – 2010/0338(NLE))

(2012/C 377 E/44)

(Konsultazzjoni – kodifikazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2010)0691),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 128(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0034/2011),
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 - Metodu ta' ħidma aċċellerat għall-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġislattivi ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 86 u 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0102/2011),
- A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta kkonċernata tillimita ruħha għal sempliċi kodifikazzjoni tat-testi eżistenti, mingħajr tibdil sostanzjali,
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif adattata għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.